Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IS-SEBA` KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 34 –** 27ta' Novembru 2014

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-3.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Ezekuttiv |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Ġew ikkonfermati l-minuti tal-laqgħa ta' qabel.

**3.0 Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa għas-Sindki Għawdxin li saret minn uffiċjali tal-Green MT rigward servizzi ġodda li lesti li jibdew joffru fosthom il-ġbir tal-ħġieġ bieb bieb kul-ewwel Ħamis tax-xahar. Is-sur Joe Attard tal-Green M.T. qal li għalissa kien ser jagħti l-boroż il-griżi biex jitqassmu lin-nies u nofs il-flus li l-Kunsill hu intitulat għalihom skond kif sar il-ftehim.

3.2 Is-Sindku rrefera għall-fatt li huwa mar fil-fergħa tal-Vodafone Għawdex sabiex idawwar il-kuntratt minn fuq Amanda għal fuq il-Kunsill u talab ukoll kopja tal-kuntratt tal-vodafone peress li huwa kien firmatarju f'dan l-istess kuntratt. Minħabba li l-kuntratt jgħajjat lil Amanda Abela obo Kunsill Lokali Għajnsielem, il-kumpanija qed tirriserva li minħabba 'data protection' kopja tal-kuntratt tista tingħata biss lilha. Is-Segretarju Eżekuttiv kitbet lill-Amanda biex ittiha l-kuntratt pero din qaltilha li ma kelliex u kien fil-file. Qaltilha wkoll li dan kien għalaq fil-bidu ta' Ottubru 2014 u staqsieha wkoll min kien qed jitlob għalih. Is-Segretarja qaltilha li records tal-file u kuntratt tal-vodafone ma kienx hemm fil-Kunsill u l-Kunsill kollu kien qed jitlob għal dan il-kuntratt. Is-Sindku spjega kif inqala' d-dubju dwar id-data tal-iskadenza tal-kuntratt meta fir-records tal-Kunsill jidher li l-ewwel pagament bdew isiru f'Ottubru tat-2012 u l-Vodafone qed jgħidu li l-kuntratt jiskadi f'Jannar 2015 meta dan il-kuntratt suppost ikun għal sentejn. F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel li għandu jibgħat talba bil-miktub liċ-Chairman tal-Vodafone u nikkundannaw dan l-aġir ta' dewmien żejjed biex nakkwistaw

kopja ta' kuntratt li jgħajjat lill-Kunsill u li l-pagamenti tiegħu dejjem saru mill-istess Kunsill.

3.3 Is-Sindku rrefera għal fatt li ġie is-Sur Jeffrey Spiteri jirraporta kontra l-fatt li twaħħlet il-bozza mitluba minn Charles Saliba fi Sqaq fi Triq l-Imġarr fejn dan qal li l-isqaq huwa tal-privat. Is-Sindku rrefera għall-fatt li l-bozza diġa laħqet ġiet approvata mill-Enemalta u twaħħlet pero hu ta' struzzjoni lill-Enemalta sabiex din il-bozza għalissa ma tinxtegħelx. Sadanittant is-Sur Saliba ġie jkellem lis-Sindku u dan baqa jinsisti li l-isqaq huwa wieħed pubbliku. F'dan l-istadju s-Sindku talab lis-sur Saliba sabiex dan jġib evidenza li dan l-isqaq huwa pubbliku qabel il-lampa ma tiġi awtorizzata biex tinxtegħel.

3.4 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li huwa flimkien mas-Segretarja kellhom mal-Kap u l-Assistent Kap tal-iskola primarja t'Għajnsielem rigward ċertu attivitajiet u bżonnijiet fosthom talba għad-donazzjoni biex tinxtara f'kotba għal Jum iċ-Ċelebrazzjoni. Waqt il-laqgħa ġiet diskussa wkoll il-ħtieġa ta' tabella dettaljata li turi l-inidikazzjonijiet taċ-Ċentru Ċiviku li teħel mal-faċċata tal-Kunsill kif ukoll dwar il-ħtieġa ta' tisqifa fl-entratura li mit-triq tagħti għal-bieb tal-iskola li tgħaqqad iċ-Ċentru Ċiviku mal-uffiċini tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti donazzjoni ta' 200euro biex tinxtara f'kotba u li għandu jinkariga lil Perit Shawn Micallef biex jipprovdilna disinn għat-tisqifa li tikkumplimenta mal-faċċata taċ-Ċentru Ċiviku.

3.5 Is-Sindku rrefera għas-seduta li kellu fil-Qorti rigward il-kaz tas-siġra f'Ta' Lourdes. Huwa semma li l-kawża ġiet diferita għall-4 ta' Diċembru 2014. Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li huwa kellu mal-Europe Direct fejn matulha ġew preżentati xi kotba b'tema Ewropeja biex jitpoġġew fil-librerija.

3.6 Is-Sindku rrefera wkoll għal-laqgħa tar-Reġjun t'Għawdex rigward l-iStreet Ligthing.

3.7 Saret referenza għal-laqgħa li s-Sindku u s-Segretarja kellhom mas-Surmast tal-MCAST u mall-uffiċjali tat-Tranport Malta Clint Camilleri u Ruben Said. Waqt il-laqgħa ġew trattati diversi aspetti ta' trasport li jikkonċernaw il-lokalita' ta' Għajnsielem kif ukoll lill-iskola bħalma huma rotot għal u minn Għajnsielem u problemi ta' aċċess u parkeġġ waqt il-ħin tad-dħul tal-iskola. Fil-laqgħa mas-surmast ġew trattati wkoll problemi oħra fosthom rimi ta' skart li jintefgħa fl-għalqa tal-MAS u wkoll dwar xi rapporti ta' atti vandali li saru lir-residenti u lil vetturi tagħhom viċin l-iskola minn xi studenti. Sar qbil ukoll li għandhom jiġu ntrodotti aktar bins fi Triq J F de Chambray.

3.8 Is-Sindku rrefera għax-xogħolijiet tal-Għajn u semma' li l-kuntrattur poġġa l-ħwat f'posthom. Li fadal li jsir huwa r-railing u li jinħtieġ li jinqalgħu żewġ filati biex ir-railing isir sewwa iżda sabiex jiġi evitat kull periklu dawn ser jinqalgħu appena jiġi biex jitwaħħal l-istess railing. Huwa semma' li waqt l-andament tax-xogħol instabet parti mill-għajn l-antika u kien hemm il-ħtieġa li jsir manutenzjoni, fiha bħal tikħil, tindif u tqiegħed ta' xi ċangaturi tal-art li kienu

nieqsa. Il-Perit bgħatilna spjegazzjoni ta' dawn iż-żidiet fix-xogħol u spjega kif dan ix-xogħol ma kienx previzt iżda mportanti ħafna li jiġi preservat u għalhekk huwa rrakkomanda li jintuża l-istess kuntrattur u jkompli x-xogħol hu peress li l-varjazzjonijiet huma minimi ħafna. Kien hemm qbil fuq dan.

3.9 Is-Sindku rrefera wkoll għax-xogħol li għaddej fil-Belvedere ta' Triq il-Hamri. Huwa rrefera għad-diversi lmenti li qed isiru mir-residenti tal-propretarjiet tal-faċċata tal-Belveder biex titbaxxa filata li fuqha ser iserraħ ir-railing għax qed jilmentaw li ser tostakola l-veduta. Is-Sindku rrefera għal fatt li f'dan ir-rigward l-Perit jixtieq li jiltaqa' ma' rappreżentanti tal-Kunsill fuq is-sit biex flimkien mal-kuntrattur tinstab deċiżżjoni finali rigward jekk il-filati għandhomx jitbaxxew jew le. Il-Kunsill qabel li r-responsabilita' ta' kemm ser jiġi b'saħħtu r-railing biċ-ċint aktar baxx għandha tkun tal-Perit tal-proġett u għalhekk għandu jassumi r-responsabilita' tad-deċizzjoni finali mittieħda. Ġie deċiż li Franco Ciangura jmur fuq is-sit mal-perit.

3.10 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li huwa flimkien mas-Segretarja kellu dalgħodu ma' uffiċjali mill-Uffiċju tal-President dwar iż-żjara tagħha li ser tagħmel fl-irħula Għawdxin bħala ftuħ tal-kampanja Strina 2014. Huwa semma' li dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ser jinfetħu proprju mil-lokalita' ta' Għajnsielem nhar is-Sibt 20 ta' Diċembru 2014 permezz ta' quddiesa fil-Knisja Arċipretali fit-8:00am u ser tkun immexxija mill-ET Isqof ta' Għawdex. Wara ser tinżamm attivita' qasira u jiġu preżentati l-flus miġbura mil-lokalita' permezz ta' envelopes li ser jitqassmu apposta. Il-Kunsill qabel li għal din l-attivita' għandu jinkludi il-kor tat-tfal biex jattira kemm jista jkun nies.

3.11 Ġiet trattata l-korrispondenza rigward il-proġett li għalih applika l-Kunsill taħt l-iskema tal-PPP ma Għajnsielem Football Club. Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza li għaddejja bejn l-avukata tal-Kunsill mal-avukata tad-Dipartiment. Dan il-proġett ġie approvat mill-Ministru tal-Gvern Lokali u ġiet mgħoddi lil Ministru tal-Finanzi għall-approvazzjoni tiegħu.

## 4.0 Pjanti - Monti f'Għajnsielem

4.1 Saret referenza għal-pjanti li provda l-Perit Shawn Micallef bħala options għal-layout tal-istalls tal-monti. Il-Kunsill iddiskuta ż-żewg options u għażel Option B li tinkludi 53 stall. Il-Kunsill iddiskuta l-problema tal-iskart li jħallu warajjhom dawn il-bejjiegħa u ġiet diskussa wkoll il-possibilita' li l-Gvern x'aktarx li ser jibda jassumi hu r-responsabilita' tat-tindif wara l-għeluq tal-monti u b'hekk ikun qed jgħin lil Kunsilli Lokali. Sar qbil li għandna ninfurmaw lid-Direttur konċernat bl-għażla tal-option tagħna u nipproċedu minn hemm.

## 5.0 Bethlehem f'Għajnsielem 2014

5.1 Saret referenza għal kuntatt li għamlu s-Sindku u l-Viċi Sindku mas-Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa peress li huma għandhom ġemellaġġ mal-lokalita' ta' Adenau li tinsab qrib Cologne fil-Ġermanja fejn hemm il-Katidral dedikat lis-Slaten Magi u tkun ħaġa verament interessanti li għal din is-sena l-Maġi jitilqu minn hemm. Sadanitant is-Sindku tal-Mellieħa għamel l-istħarriġ tiegħu u kkonferma li jekk issir din il-mawra l-akkomodazzjoni ser tkun b'xejn. Is-Sindku semma' li din il-materja diġa ġiet diskussa fil-Kumitat ta' Bethlehem f'Għajnsielem u peress li l-prezz tal-ajru huwa madwar 600 euro u trid tqis l-ispejjes tat-trasport u l-ikel, din l-ispiża għal madwar tmien persuni tammonta għal bejn 6000 u 7000 euro. Il-Kunsill ma jistax jassorbi din l-ispiża u l-Kumitat qed jara ċ-ċifra għolja wisq. Is-Sindku semma li bħala dħul konfermat s'issa għandna 5000 euros mill-EcoGozo, 6000 euro mill-Ministeru għal Għawdex u għadna qed nistennew il-konferma tal-applikazzjoni tal-Attivitajiet mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali li għaliha l-Kunsill applika għas-somma massima ta' 15,000 euro. Il-Kunsill qabel li f'dawn iċ-ċirkustanzi u jekk ma jkunx hemm żviluppi peress li l-prezzijiet tal-ajru huma għoljin wisq, jkun jaqbel li l-maġi jitilqu minn xi lokalitajiet f'Malta u b'hekk inkunu qed ninvolvu aktar lokalitajiet. Fuq din l-attivita' ser issir Press Conference dwar Christmas in Gozo u li għaliha ser ikunu preżenti s-Sindku u l-Viċi Sindku.

5.2 Saret referenza għal fatt li bħala xiri ta' njam qbiżna l-ammont ta' 2700 euro u għalhekk il-Kunsill qabel li l-kumplament ta' njam li għad baqa x'jinxtara għandu jinxtara minghand supplier ieħor. Il-quotation għall-materjal tax-xmara li jinkludi materjal u xibka u ħaddiema ġie jammonta għal 1976.50 nkluż il-VAT mill-istima nzijali ta' madwar 900 euro. Il-Kunsill qabel li f'dan ir-rigward minn din l-istima għandu jħallas biss għal materjal li jammonta għal 1175 euro u l-kumplament iħallsu l-Kumitat Organizzattiv mill-fondi tiegħu. Saret referenza għat-talba ta' miġja ta' iġmla f'Bethlehem f'Għajnsielem iżda minħabba xi problemi li kellu s-sid tagħhom rigward permessi neċessarji din l-attivita' mhix ser issir għal din is-sena.

## 6.0 Ġieħ Għajnselmiż 2014

6.1 Bħala nominazzjoniet għal dan il-ġieħ, il-Kunsill addotta l-proċedura li kien qabel fuqha fil-laqgħa ta' qabel. Kull kunsillier ingħata żewġ karti u kull kunsillier kellu l-opportunita' sabiex jinnomina sa' żewġ persuni. In-nominazzjonijiet ġew mitfugħa ġo envelop wieħed komuni u s-Segretarja fetħet in-nomini li kienu hekk:- Paul Azzopardi, Paul Azzopardi, Paul Azzopardi, Paul Azzopardi, Lelio Spiteri, Joseph Ciantar, Joe Xuereb, Alex Spiteri. Paul Azzopardi kellu erba nominazzjonijiet u għalhekk unanimament ġie magħzul għal Ġieħ Għajnselmiż 2014.

6.2 Il-Kunsill qabel li din l-attivita' għandha titellgħa fil-Grand Hotel nhar il-Ħamis 11 ta' Diċembru 2014 fis-7:30pm.

## 7.0 Attivitajiet tal-Milied u Ġimgħa t'Għajnsielem

7.1 Is-Sindku spjega kif ix-xahar ta' Diċembru namalgamawh ma' Ġieħ Għajnselmiż, il-Ġimgħa t' Għajnsielem u attivitajiet tal-Mlied flimkien.

7.2 Sar qbil li l-attivita' ta' Ġieħ Għajnsielem issir fil-Grand Hotel nhar il-Ħamis 11 ta' Diċembru fis-7:30 ta' filgħaxija. Sar qbil li bħala attivita' għandha ssir ċerimonja qasira li tinkludi poeżija, daqq bl-arpa minn Charlene Portelli u tippreżenta s-serata Daphne Xuereb u jkun hemm riċeviment żgħir fost dawk preżenti.

7.3 Sar qbil li bħala attivita' għal Ġimgħa t'Għajnsielem u attivitajiet tal-Milied għandha ssir attivita' għall-anzjani nhar it-Tnejn 15 ta' Diċembru fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu. Sar qbil li għandha ssir quddiesa fil-Bażilika Ta' Pinu, żjara lil Muzew ta' Karmni Grima u wara ssir tombla u ikla f'xi restaurant. Sar qbil li għandu jinħareġ avviż b'dawn l-attivitajiet u jitqassam f'kull dar.

7.4 Sar qbil li għall-Milied għandha ssir attivita' li għaliha jiġu mistiedna t-tfal kollha t'Għajnsielem ta' bejn l-etajiet ta' 3 u 10 snin. Sar qbil li din l-attivita' għandha ssir fis-sala ta' l-Arka Foundation bil-possibilita' li ninkludu xi tfal residenti f'din l-istess dar. Sar qbil li din l-attivita' għandha ssir nhar it-23 ta' Diċembru 2014 u tkun tinkludi f' animazzjoni u festin għat-tfal. Il-Kunsill qabel li jagħti donazzjoni għal kera tas-sala.

7.5 Sar qbil li nhar is-17 ta' Diċembru wara nofsinhar, il-Kunsill iżur lil dawk l-anzjani li ma joħorġux minn djarhom u jagħtihom l-awgurju tal-Milied.

## 8.0 Għażla tal-Offerta tal-Latrina tal-Imgarr Terminal

8.1 Saret referenza għall-iskeda tat-Tenders sottomessi li nfetħu nhar is-7 ta' Novembru 2014 f'nofsinhar fil-preżenza tas-Sindku Francis Cauchi, il-kunsillier Peter Caruana, is-Segretarja Lucienne Haber flimkien ma xi tenderers. L-iskeda tal-offerti sottomessi hija kif ġej:-

| Tenderers | Prezz inkluż VAT & CM fee € |
|---|---|
| Steve Cutajar | 6500 |
| Carmel Vella | 8000 |
| Haber Services | 9390.32 |
| Jean Paul Cefai | 11,639.50 |
| Jason Farrugia | 7620 |
| Ghajnsielem Football Club | 6490 |

8.2 Il-Kunsill iddiskuta l-offerti mitfugħa u qabel li għandhu jagħzel l-orħos offerta dik ta' Għajnsielem FC għal prezz ta' 6490 euros inkluz il-VAT.

## 9.0 Public Consultation Meeting u Follow-up tal-proġett Green Infranet

9.1 Is-Sindku rrefera għal-Public Consultation Meeting dwar il-Proġett Green Infranet li ser isir proprju eżatt wara din il-laqgħa fis-Sala tal-Każin tal-Banda. Matul din il-laqgħa l-konsulenti tal-Kunsill għal dan il-progett, l-ADI, ser jagħtu deskrizzjoni tal-proposta tagħhom għal Għajnsielem isbaħ, aktar aħdar, użu ta' roti u mixjiet fil-kampanja, aktar ħieles mit-traffiku u li jista jitgawda mill-pedestrians. Il-Kunsill qabel li għandu jkompli jaħdem fuq dan il-proġett u jistħarreġ ma' fondi tal-Unjoni Ewropea sabiex ikun jista jwettaq dawn il-proposti tant tajbin f'fażijiet.

## 10.0 Approvazzjoni tal-pagamenti

10.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati

## 11.0 Materji oħra

11.1 Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lil Transport Malta sabiex Triq Sant'Indrija man-naħa ta' Triq l-Imġarr issir One Way biex żgur li ma jkunx hemm minn jaqsam għal ġo fiha u b'hekk jiġu evitati xi nċidenti li qed iseħħu u sfortunatament kien hemm minnhom anke fatali.

11.2 Sar qbil ukoll li fi Triq il-Qigħan issir tabella One way għal parti tat-triq li tagħti direttament għal Triq l-Imgarr. Is-sewwieq b'hekk ikun jinħtieġ jgħaddi mis-side street ta' l-istess triq li tisbokka fi Triq l-Imgarr b'vista aktar wisgħa u sigura.

11.3 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera għall-fatt li s-Sibt li għadda kien għaddej ħdejn iċ-Ċimiterju ta' Għajnsielem u kien hemm ħafna skart li kien qed jagħti verament dehra kerha. Huwa semma' li kkuntatja lil ħaddiem tal-Kunsill Frankie Saliba biex jinfurmah b'dan u dan minn qalbu, barra l-ħinijiet tax-xogħol tiegħu mar ġabru u naddaf kollox. Huwa jixtieq li f'isem il-Kunsill jirringrazzah talli għamel dan il-ġest nobbli. Il-Kunsill faħħar din l-inizzjattiva.

11.4 Sar qbil li l-Kunsill għandu jgħaddi s-somma ta' 100 euro lil Parroċċa Għajnsielem talli jieħdu ħsieb iqassmulna xi avviżi tal-Kunsill.

11.5 Il-Kunsillier Peter Caruana staqsa jekk it-talbiet ta' diversi mirja jekk ġewx approvati. Sar qbil li għandna niċċekjaw u nipproċedu bl-ordni tagħhom.

11.6 Il-kunsillier Caruana rrefera wkoll għal fuq xi lampi mitfijin fuq il-Għajn. Ittieħdet nota tagħhom u ser jiġu rraportati.

11.7 Is-Sindku rrefera għall-aktar lampi maħruqa fosthom tal-playing field u ta' Pjazza Indipendenza. Sar qbil li għandha tinkiteb ittra mmedjata lill-kuntrattur Richard Cauchi li jekk jonqos milli jonora dawn l-ordnijiet wara ħames t'ijiem mid-data tal-ittra, il-Kunsill mhux ser ikollu triq oħra għajr li joħroġ mill-kuntratt.

11.8 Il-kunsillier Peter Caruana rrefera għal xi ħmieġ u mbarazz li hemm fi Triq Borg Għarib sabiex jitnaddaf.

11.9 Il-kunsillier Caruana talab ukoll sabiex nitolbu għal parkeġġ riservat taħt il-mina fix-xatt sabiex tintuża minn l-uniku resident li hemm fix-Xatt peress li l-problema tal-parkeġġ fix-Xatt hija kbira wisq.

11.10 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera għar-reserved parking li hemm minħabba il-MAS fi Triq J F deChambray u li minkejja li huwa reserved xorta qed isir parkeġġ fih minn nies mhumiex awtorizzati. Huwa talab sabiex nitolbu lil Transport Malta ssib soluzzjoni.

11.11 Il-Kunsillier Peter Caruana rrefera għall-ħtieġa li l-kliem tal-irħama tal-playing field Amabile Cauchi għandu jerġa jinżebagħ bl-iswed peress li ma għadux jidher.

**Tmiem il-laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar id-29 ta' Diċembru 2014 fit-3.00pm, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fis-6:00pm

***Francis Cauchi***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Eżekuttiv***